# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**(Sede Inferjuri)**

**20 ta' Jannar, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmelo Abela

## Digriet Interlokutorju - Ċitazzjoni - Rikors ta' Appell

*L-espressjoni "digriet interlokutorju" użata fl-artikolu 415 tal-Kodiċi Kriminali tinkludi ukoll dawk il-provvedimenti li jistgħu jissejħu aktar korrettement sentenzi preliminari u li jidderimu, fost ħwejjeġ oħra, eċċezzjonijiet preliminari bħalma hija l-eċċezzjoni tan-nullita' taċ-ċitazzjoni.*

*L-artikolu 415 ġie interpretat li jfisser li meta jkun hemm appell mill-meritu tali appell jinkludi anke appell mid-digrieti interlokutorji kollha preċedenti, għalkemm fir-rikors ta' l-appell ma jkunx hemm appell <u>speċifiku</u> minn dawk id-digrieti. Dan ifissser li għalkemm ma tkunx intalbet speċifikatament ir-revoka jew il-varjazzjoni ta' xi wieħed jew aktar minn dawk id-digrieti interlokutorji, l-appellant jista', fir-rikors, iqanqal mill-ġdid punt li jkun ġie deċiż b'xi wieħed jew aktar minn dawk id-digrieti, b'mod għalhekk li dak it-tqanqil ikun jammonta għal appell minn dak id-digriet jew*

*dawk id-digrieti. Mill-banda l-oħra, jekk fir-rikors ma jissemma xejn li jirreferi għal xi punt deċiż preliminarjament, ma jistax jingħad li l-appellant ikun qed jappella minn xi digriet interlokutorju.*

*Il ġurisprudenza ormai paċifika li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma tistax tieħu konjizzjoni ta' raġunijiet ta' l-appell, ossia ta' aggravji li ma jkunux ġew imsemmija fir-rikors għax altrimenti jiġi stultifikat wieħed mill-paragrafi ta' l-artikolu 419 (1) tal-Kodiċi Kriminali.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva fuq talba tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi kontra Carmelo Abela talli f'Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq, għamel xogħol ta' bini mingħajr il-permessi neċessarji tal-P.A.P.B.; l-Ewwel Qorti kienet ukoll mitluba li barra milli tagħti l-piena, tordna lill-ħati li jneħħi l-inkonvenjent li bih saret il-kontravvenzjoni, li jesegwixxi l-liġi fi żmien suffiċjenti, kif jiġi stabbilit mill-Qorti, taħt piena ta' ammenda ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin lira għal kull ġurnata fin-nuqqas;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġstrati (Malta) tas-27 ta' Frar, 1996 li biha dik il-Qorti sabitu ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu, ikkundannatu għal "ammonizzjoni u reppresjoni" (*recte*: ċanfira u twiddiba) u ordnatlu li fi żmien tliet xhur iwaqqa' l-kostruzzjoni li saret bi ksur tal-liġi (konsistenti skond l-istess sentenza filli "l-imputat saqqaf parti mill-bitħa ta' wara, kif jidher fuq l-annessa pjanta") u li jottempra ruħu mal-liġi taħt penali ta' ħamsa u għoxrin lira (Lm25) kuljum fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Carmelo Abela minnu ppreżentat fl-1 ta' Marzu, 1996, li bih talab ir-revoka ta' l-

imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet; ikkunsidrat:

Qabel xejn il-Qorti ser tiddisponi mill-kwistjoni ssollevata mill-appellant fl-udjenza ta' l-10 ta' Settembru, 1996. F'dik l-udjenza l-abbli difensur ta' l-appellant irreġistra dan il-verbal:

"Dr. Joseph Brincat jiddikjara li *ai termini* ta' l-artikolu 415 (4) tal-Kap. 9, l-appell jinkludi ukoll appell mid-deċiżjoni preliminari dwar kif inhi fformulata ċ-ċitazzjoni u konsegwentement is-sentenza";

Is-sentenza preliminari li ghaliha qed jirreferi l-appellant hi dik tat-30 ta' Marzu, 1993 li biha l-Ewwel Qorti kienet ċahdet eċċezzjoni preliminari (reġistrata fl-udjenza ta' l-20 ta' Mejju, 1992) li kienet tghid hekk:

"Dr. Brincat preliminarjament jeċċepixxi li kif dedotta ċ-ċitazzjoni m'hemmx indikazzjoni tal-fatt kriminuż speċifikatament ghal-liema post qed tirreferi u jekk ikun (hemm) eventwali kundanna fejn ghandu jsiru x-xoghlijiet";

Din evidentement kienet intiża bhala eċċezzjoni ta' nullita` taċ-ċitazzjoni. L-Ewwel Qorti, bis-sentenza taghha preliminari imsemmija irrespinġiet din l-eċċezzjoni. Issa, ma hemmx dubbju li l-espressjoni "digriet interlokutorju" użata fl-artikolu 415 imsemmi tinkludi ukoll dawk il-provvedimenti li jistghu jissejhu aktar korrettement sentenzi preliminari u li jidderimu, fost hwejjeġ ohra, eċċezzjonijiet preliminari bhalma hija l-eċċezzjoni tan-nullita` taċ-ċitazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza moghtija mill-kompjant Imhallef J. Flores fit-12 ta' Marzu, 1970 fil-kawża fl-ismijiet **Joseph C. Camilleri *vs* Perit**

**Herbert Crockford A. & C.E.)**. Is-subartikolu (4) ta' l-imsemmi artikolu 415 jipprovdi li:

"L-appell mill-meritu tal-kawża jġib miegħu l-appell mid-digrieti interlokutorji, għalkemm dawn id-digrieti ma jkunux ġew msemmijin speċifikatament";

Din id-disposizzjoni ġiet interpretata li tfisser li meta jkun hemm appell mill-meritu tali appell jinkludi anke appell mid-digrieti interlokutorji kollha preċedenti, għalkemm fir-rikors ta' l-appell ma jkunx hemm appell speċifiku minn dawk id-digrieti (ara, per eż. **Avv. Dr. Joseph Desira Buttigieg** *vs* **Emmanuele Cossai** *et, 29/11/58, Kollezz. Vol. XLII.IV.1526, 1532). Dan* ifisser li għalkemm ma tkunx intalbet speċifikatament ir-revoka jew il-varjazzjoni ta' xi wieħed jew aktar minn dawk id-digrieti interlokutorji l-appellant jista', fir-rikors, iqanqal mill-ġdid punt li jkun ġie deċiż b'xi wieħed jew aktar minn dawk id-digrieti, b'mod għalhekk li dak it-tqanqil ikun jammonta għal appell minn dak id-digriet jew dawk id-digrieti. Mill-banda l-oħra, jekk fir-rikors ma jissemma xejn li jirreferi għal xi punt deċiż preliminarjament, ma jistax jingħad li l-appellant ikun qed jappella minn xi digriet interlokutorju. Infatti l-artikolu 415 (4) *irid jinqara flimkien ma'* l-artikolu *419 (1) tal-Kodiċi Kriminali* li jgħid x'għandu jkun fih, taħt piena ta' nullita', ir-rikors ta' appell. Fost dawn ir-rekwiżiti hemm "ir-raġunijiet ta' l-appell", u hi ġurisprudenza ormai paċifika li din il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni ta' raġunijiet ta' l-appell, ossia ta' aggravji, li ma jkunux ġew imsemmija fir-rikors għax altrimenti jiġi stultifikat wieħed mill-paragrafi ta' l-artikolu 419 (1) imsemmi. Minn eżami akkurat tar-rikors ta' appell, din il-Qorti tikkonkludi li ma hemm xejn fih li b'xi mod jirreferi jew jista' jiġi rrikollegat ma' l-eċċezzjoni preliminari u/jew mad-digriet mogħti fuqha. Kien ikun *biżżejjed, per eżempju, li kieku l-appellant qal fir-rikors* tiegħu li ċ-ċitazzjoni kienet nulla jew li l-imputazzjoni kif miġjuba hi b'xi mod difettuża. Għalhekk il-Qorti qed tiddeċidi li

fil-każ in diżamina ma sar ebda appell mid-digriet interlokutorju tat-30 ta' Marzu, 1993;

L-aggravju ta' l-appellant hu bażikament li dak li għamel ma kien jirrekjedi ebda permess u konsegwentement ma jistax jinstab ħati li kiser il-liġi. Mill-provi jirriżulta li l-appellant saqqaf parti sostanzjali mill-bitħa li tiġi fuq wara tar-residenza tiegħu "St. Mary House", Dawret Għaxaq, Għaxaq. Dan sar permezz ta' *canopy* tal-konkrit kif ukoll billi nbniet *box-room* fl-istess bitħa. Dan il-bini mhux biss ma kienx kopert bil-permess meħtieġ, iżda addirittura jidher li jmur kontra dak li jiddisponi l-artikolu 97 (n) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, tant li meta f'xi żmien fl-1994 l-appellant applika ma' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar biex jirregolarizza l-posizzjoni tiegħu, l-applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda peress li "*proposed additions encroach on back yard*" (ara Dok "R" a fol. 30 ta' l-atti). Għalhekk, irrispettivament minn jekk ir-residenza in kwistjoni tinsabx fil-qalba tar-raħal jew le, il-kostruzzjoni in kwistjoni saret bi ksur tal-liġi. L-appell jirrasenta l-fieragħ;

Għall-motivi premessi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.